Ben, Ryan u Kylie huma tlett iħbieb tal-qalb. Imorru l-iskola u d-duttrina flimkien u qegħdin fl-istess klassi. Iħobbu ħafna jilagħbu, jaqraw u jistudjaw flimkien u ġieli sajru xi ħaġa bejniethom ukoll!



Imma Ben, Ryan u Kylie m'għandhomx l-istess karattru. Kif taħseb li hu l-karattru tagħhom?

**Ben** hu tifel ċajtier u tgħidx kemm iħobb idaħħak. Dejjem jgħid il-verità u jagħmel xogħlu sew. Hu xi ftit supperv u jagħmel in-nervi jekk ma jilagħbux il-logħba li jkun irid hu. Imma malajr jgħaddilu!



**Ryan** dejjem jidħak! Hu tifel ferrieħi imma jħobb jinki u Ben u Kylie ma tantx jieħdu gost meta joqgħod jaqbad magħhom. Paċenzjuż u rari tarah jirrabja.



**Kylie** tħobb tgħin lil kulħadd. Ma tiddejjaqx iċċedi u tieħu gost issellef l-affarijiet tagħha. Hi xi ftit nervuża u malajr taqbżilha imma ħafna drabi Ryan malajr jikkalmaha!



# Kanzunetta | Jesus loves everyone

http://www.youtube.com/watch?v=IMmPOxANDbg

# Talba

Mulej Ġesù, grazzi
talli dawwartni b'nies
differenti. Għinni nħobb u
naċċetta lil kulħadd kif
inhu ħalli nixbah
aktar lilek.

